# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

## DEĊIŻJONI PRELIMINARI NRU. 2687

Każ 3834/FM

Fil-kwistjoni tax-Xogħol

bejn

Alexandra Lia (K.I. 218775M)

u

NetEnt Malta Limited (C34838)

*Dwar tkeċċija mill-impieg allegata li hi nġusta*

Data: 11 ta' Novembru, 2020

**Chairman: Is-sur Franco Masini**

Fis-6 ta' Marzu, 2020 ir-Rikorrenti, Alexandra Lia kienet ressqet Rikors fejn stqarret illi kienet impjegata mas-Soċjetà Intimata, NetEnt Malta Limited mit-30 ta' Settembru 2015. Hija irriżenjat fit-8 ta' Novembru 2019 allegatament b'konsegwenza ta' aġir irraġonevoli u diskriminanti fil-konfront tagħha fuq il-post tax-xogħol. Fis-17 ta' Lulju 2020 is-Soċjetà Intimata irrispondiet fejn allegat illi hija mhiex leġittimu kontradittur stante illi ir-Rikorrenti ma kienitx impjegata tagħha u għaldaqstant għandha tiġi liberata mill-osservanza tal-ġudizzju. Waqt l-ewwel seduta fit-30 ta' Settembru, 2020 ġew preżentati provi miż-żewġ naħat u ġie deċiż li t-trattazzjoni issir permezz ta' Nota.

Mill-provi sottomessi mis-Soċjetà Intimata (Dok NT 2) jirriżulta li r-Rikorrenti li kienet oriġinarjament impjegata mas-soċjetà NetEnt Malta Limited bħala *Payroll Manager* fl-1 ta' Novembru, 2017 permess ta' *Transfer of Employment Agreement* saret bil-kunsens tagħha impjegata tas-Soċjetà NetEnt Product Services Limited. Dokument ieħor (Dok NT1) sottomess mis-Soċjetà Intimata huwa t-*termination form* minn Jobsplus li jindika li r-Rikorrenti kienet irriżenjat fit-8 ta' Novembru, 2019 minn mas-soċjetà NetEnt Product Services Limited. In vista ta' dan is-Soċjetà Intimata tgħid illi r-Rikorrenti ma kienitx impjegata tagħha fid-data tat-terminazzjoni tal-impieg tagħha.

In-Rikorrenti tirritjeni illi hija ma għandha "l-ebda rekollezzjoni" tat-*Transfer of Employment Agreement* u fil-fatt ma ngħatatx kopja tiegħu. Oltre dan tgħid illi n-NetEnt Products Services Limited inħolqot "bħala riżultat ta' strateġija ta' immaniġġar kummerċjali tal-operat tal-marka kummerċjali 'NetEnt' ". Tgħid illi l-marka NetEnt tħaddan mill-inqas tmien kumpanijji oħra. Tgħid ukoll li hemm distinzjoni "sfumata" bejn iż-żewġ kumpaniji.

Issemmi ukoll dwar l-indirizzi taż-żewġ kumpanijji kif ukoll il-fatt li hemm direttur komuni għalihom it-tnejn u raġunijiet oħra għaliex skont hi setgħet kienet svijata meta ssemmiet entità flok oħra.

Dan kollu jinpernja fuq il-prinċipju ta' personalità ġjuridika distinta li soċjetà kummerċjali għandha. Dana irrispettivament mill-fatt li soċjetà waħda jew iktar jista jkollhom diretturi komuni, ismijiet jixxieħbu jew addirittura bl-istess *brand name,* l-istess azzjonisti jew indirizzi komuni. Il-vinkolu kontrattwali li r-Rikorrenti kellha kien ċarament mas-soċjetà NetEnt Product Services Limited u dana jirriżulta mit-*Transfer of Employment Agreement* ġja ċitat li hija kienet firmatarja tiegħu. Il-fatt li ma tiftakarx li sar u li tallega illi ma ingħatatx kopja tiegħu huwa irrilevanti u ma jirrenduhx null.

It-Tribunal Industrijali jiddeċidi illi s-Soċjetà Intimata NetEnt Malta Limited ma kienitx l-*employer* tar-Rikorrenti meta din issotomettiet ir-riżenja tagħha u għalhekk mhiex leġittimu kontradittur u għadaqstant qed tiġi liberata mill-osservanza tal-ġudizzju.

Iffirmat : Franco Masini

Chairman

Vera kopja

Mary Rose Galea

A/Segretarja